**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**PULIZIJA**
**(Spettur Daryl Borg)**

**kontra**

**MAVERICK CASSAR**
**(ID 109391(M))**

Kaz Nru.: 5/15

**Illum, 14 ta' Lulju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat **Maverick Cassar** bin Jason u Josephine nee' Micallef imwieled il-Pieta' nhar it-2 ta' Frar 1991 u resident gewwa Block 1, Flat 8, Triq il-Gnien, Santa Lucija, Malta u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 109391(M), akkuzat talli nhar it-2 ta' Frar 2014 bejn l-4 ta' filghodu u l-5 ta' filghodu gewwa San Giljan u dawn il-Gzejjer:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap.101 tal-Ligijeit ta' Malta meta

ma kienx fili-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegentement emendati u b I ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat u semgħet ix-xhieda,

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali,

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri data 28 ta' Lulju 2021 permezz ta' liema dina l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif preseduta kif ukoll l-ezenzjoni tal-partijiet ghas-smight mill-gdid tal-provi gia mismugha minn din il-Qorti hekk kif diversament preseduta;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjoni odjerna tirrigwarda fatti li jirrisalu lura ghat-2 ta' Frar 2014, fis-sieghat bekrin ta' filghodu waqt li PS 430 Andrew St. John kien qed jaghmel spezzjoni ta' ruttina gewwa l-Clubs f'San Giljan. Fix-xhieda tieghu huwa spjega li wahda mill-ispezzjonijiet kienet tirrigward MonteCarlo Club gewwa Ball Street, kantuniera ma Wilga Street, Paceville, San Giljan. Huwa spjega li hekk kif kien qed jaghmel spezzjoni f'dan il-club huwa mar jaghmel spezzjoni fit-toilets tal-istess club. Huwa xehed li hekk kif niezel it-tarag sab bieb tat-toilet tal-irgiel miftuh u setgha jara persuna b'dahru lejh, mghawweg fuq xkaffa tal-istainless steel li kienet imwahhla mal-hajt. Hekk kif mar fuq dan il-persuna, gibdu lura u nfurmah li huwa pulizija, innota li kellu karta tal-Eur. 20 rolled f'idejh u kien hemm tracci bojod fuq l-imsemmija xkaffa. Huwa gie arrestat filwaqt li s-surgent St. John eleva l-karta tal-Eur. 20. It-tracci fuq l-ixkaffa ma gewx elevati. Ix-xhud St John fl-ebda istanza ma gie mistoqsi sabiex jiddenitfika lil qua imputat bhala l-persuna li huwa skontra fit-toilet fil-club Monte Carlo hekk kif hawn fuq spjegat. Il-qua imputat gie interrogat wara li huwa nghata d-dritt ghall-assistenza legali limitament qabel l-istqarrija mill-ispettur Daryl

Borg fil-prezenza tal-ispettur Trevor Micallef. Fl-imsemmija stqarrija (li l-imputat irrifjuta li jiffirma) Cassar fl-ebda hin ma inkrimina lilu nnifsu. Fil-fatt huwa fl-ebda hin ma jaghmel referenza ghal dak li kien qed jaghmel fit-toilet meta gie arrestat mill-pulizija.

Il-karta tal-Eur. 20 elevata mill-pulizija giet esebieta u sussegwentament analizzata mix-xjenzat Godwin Sammut, li gie nominat espert mill-Qorti ghal dan l-iskop. L-ispizjar Sammut espleta l-inkarigu lilu mghoti billi kkonkluda:

> *"Illi fuq swabs mehuda mill-karta tal-20 Euro li hemm fid-dokument immarkat S/B/416/2016 ma' nstabux sustanzi illeciti."*

Illi permezz ta' l-unika imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-qua imputat, huwa jinsab akkuzat b'pussess semplici tad-droga kokaina. Il-prova principali f'dan ir-rigward hija t-testimonjanza ta' PS430 Andrew St. John li spjega fid-dettal hekk kif huwa ra lill-imputat b'karta tal-Eur. 20 imrembla f'idejh filwaqt li kien mghawweg ghal fuq xkaffa tal-istainless steel li fuqha kien hemm tracci ta' sustanza bajda. Minghajr l-ebda dubbju dak li osserva s-surgent (hekk kif deskrit fix-xhieda tieghu) huwa suspettuz.

Madanakollu t-tracci osservati fuq l-ixkaffa ma gewx elevati bil-ghan li jigu analizzati. Il-karta tal-Eur. 20 giet analizzata mill-espert nominat ghal dan l-iskop li kkonkluda li fuqha ma kien hemm l-ebda tracca ta' sustanza illegali. Lanqas ma tressqet prova li l-imputat odjern kien taht l-effett ta' sustanzi illeciti b'mod partikolari s-sustanza kokaina.

F'dawn ic-cirkostanzi dina l-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mil-ligi u ghaldaqstant ser tghaddi sabiex tillibera lill-qua imputat mill-unika imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu.

**Decide**

Ghal dawn il-mottivi, dina l-Qorti, qed issib lill-qua imputat, Maverick Cassar mhux hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tilliberah mill-istess.

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

Christine Farrugia
**Deputat Registratur**